# Id-dinja tnaqqas il-ħinijiet tax-xogħol

Hemm tixbiħ kbir bejn il-ġlieda għal ħlas aħjar u ċ-ċaqliqa għat-tinqis fil-ħinijiet tax-xogħol. Jista' jkun li l-ħaddiem għall-ewwel idaħħal f'moħħu li jtajjeb id-dħul tal-flus u hekk jikseb aktar tfarriġ fil-ħajja. Imma jista' jasal żmien fil-mixi ta' ħajtu mita jaqta' u jerħi l-ġlied għal flus aktar u jfittex tinqis fis-sigħat tax-xogħol. Jekk dan ikun jista' jirbħu bla nuqqas fil-ħlas, ikun qiesu qala' iżjed għax-xogħol li għamel. Hekk il-ħaddiem jixtieq bħal li kieku "jixtri iktar mistrieħ" milli jaqla' iżjed. Fi kliem ieħor, daqxejn wesgħa tidħol bħala ħtieġa fil-ħajja. Minn din il-ħtieġa twieled dan iċ-ċaqliq ma' dwar id-dinja għat-tinqis fis-sigħat tax-xogħol. Issa naraw sa fejn għandna u għaliex jaqblilna noqogħdu għal din ir-rieda tal-ħaddiem.

It-tiġrib wera bid-dieher li aktar btala għall-ħaddiem u akbar qligħ għal min ixiegħel jistgħu jmorru flimkien. Għalhekk tinqis fis-sigħat tax-xogħol u żamma ta' l-istess ħlas imorru flimkien ukoll, għax it-titjib fil-ġisem tal-ħaddiem, u għalhekk fil-ħila tiegħu, jmur 'il quddiem u jġib miegħu traħħis fis-siwi tal-ħidma.

'Ix-xogħol fl-industrja tal-lum huwa qalil, u inqas sigħat għall-ħaddiem iserrħu t-toqol. Għalhekk tiġi mill-ħniena tal-bniedem li jitnaqqsu. Id-dħul tal-magni jista' biss jitħalla jekk iġib nuqqas fil-ħinijiet tax-xogħol.

Mbagħad in-nisel ta' ħinijiet twal narawh ma' tul għadd ta' snin. Għalkemm għal xi żmien ħaddiem ikun jista' jdum jaħdem, wara xi ftit ġismu jmur minn taħt, u ħajtu fix-xogħol titqassar. Sa kemm ikun fadal ħaddiema min jidħol floku, dil-ħala ta' setgħa ħaddiema ma tidhirx f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmegħix ta' min ixiegħel. Iżda din fl-aħħar, billi ma jkunx hemm aktar ħaddiema, titfaċċa. Ħaġ'oħra: jekk il-ħaddiem il-ġdid ma jkunx jaf xogħlu, jinħela ħafna żmien u jintilef ħafna qligħ biex jitgħallem.

Rapporti tal-"Home Office" ta' l-Ingliterra wrew li s-setgħa għammiela tal-ħaddiem tiżdied bit-tinqis fil-ħinijiet tax-xogħol. Kien hemm fejn għadd ta' ħaddiema setgħu jagħtu b'ħamsa fil-mija iktar milli kienu jistgħu qabel, mita kellhom tinqisa ta' sittax fil-mija fis-sigħat tax-xogħol. Indunaw ukoll li mita ħaddiem jaħdem jew fil-għodu kmieni jew wara l-ħin ikun jista' jagħti inqas milli jekk għal dawk il-ħinijiet kien mħaddem ħadd ieħor.

Tinqis fil-ħinijiet jiswa ta' ġid ieħor. Jonqos il-mard. Irruħ u l-moħħ tal-ħaddiem, bħal ġismu, jissaħħu, u s-sigħat battala jmorru għat-tagħlim u mogħdija taż-żmien oħra. Hekk l-irqim jitjieb għax ma jkunx hemm żmien mita l-ħaddiem jaħdem wara l-ħin mbejjen ma' ieħor mita l-ħaddiem ikun marid u jtellef ħafna żmien.

F'xi industrji bit-tinqis fil-ħinijiet tax-xogħol, il-ħaddiema huma mħaddma f'lottijiet. Kull ħaddiem hekk jaħdem anqas; iżda l-magni jistgħu hekk jitħaddmu iżjed, u xi minn daqqiet bi nhar u bil-lejl. Mbilli daż-żmien il-magni malajr jiġġeddu b'oħrajn itjeb, qabel jaslilhom żmienhom jistgħu jintużaw aktar u hekk jitnaqqsu ħafna minn dawk li jgħidulhom "spejjes wieqfa", jiġifieri spejjes għat-taħdim tal-magni, għat-tiswija tagħhom, u għat-tiġdid. Dan it-tifdil ipatti għat-telfa ta' xogħol, jekk hemm, li jista' jisfa mit-tinqis fil-ħinijiet.

Hemm min igħid illi jum xogħol iqsar iħaddem iktar minnies qiegħda Dan mhux dejjem minnu. Mita x-xogħol jibda jsir aħjar għax il-ħila tal-ħaddiema tiżdied, mita r-riqma filħidma tmur għal l-aħjar, u mita hekk, il-ħruġ fl-industrja bittinqis fil-ħinijiet tax-xogħol jibqa' fejn hu. Il-prezzijiet ma jogħlewx u hekk ma tinħalaq ebda tiftixa għal ħaddiema iktar. Iżda mita tinqis fil-ħinijiet iġiegħel tabilħaqq, bħalma għedna jista' jiġri, illi s-siwi tax-xogħol jonqos, jinżlu l-prezzijiet, ittiftixa għal l-uġġett maħdum tikber, u jibdew jinħtieġu iżjed ħaddiema. Imbagħad fejn ix-xogħol mhux produttiv bħalma hu dak ta' fuq it-trenijiet, fil-kafejiet, fil-ħwienet u xogħol ieħor, tinqis fil-ħinijiet dejjem iġib żjieda fil-għadd ta' nies mħaddma. Imma min jaf jekk lil min iħaddem ma tibdiex tiswielu wisq, u jfallix, u l-għadd tal-qiegħda jarġax jikber?

Hekk jew hekk iċ-ċaqliqa għat-tinqis fil-ħinijiet tax-xogħol li qamet ma dwar id-dinja mhix ta' min ma jilqagħhiex malajr. Hemm kotra ta' xhieda li juru bid-dieher li anqas sigħat ta' xogħol jerfgħu l-ħila tal-ħaddiem, u jġibu tibdil fl-imġiba, tiegħu lejn ix-xogħol u lejn min ixiegħlu, minn barra illi jgegħlu min iħaddem ireqqem aħjar, u jnaqqas dak li jgħidulu, "żmien mitluf".

FRED AMATO GAUCI

25-8-36.